



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13246/20

SOC 744
EMPL 530
ECOFIN 1085
EDUC 418

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 12813/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew tal-2021: l-aspetti marbutin mal-impjegi u dawk soċjali tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2021: l-aspetti marbutin mal-impjegi u dawk soċjali tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021, adottati permezz tal-proċedura bil-miktub fit-23 ta' Novembru 2020.

SEMESTRU EWROPEW 2021: ASPETTI MARBUTIN MAL-IMPJIEGI U DAWK SOĊJALI TAL-ISTRATEĠIJA ANNWALI GĦAT-TKABBIR SOSTENIBBLI TAL-2021

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-kriżi tal-COVID-19 waqqfet l-iżviluppi pożittivi ta' dawn l-aħħar sitt snin fis-suq tax-xogħol u fil-qasam soċjali, u b'hekk ħolqot sfidi ekonomiċi mingħajr preċedent b'effetti soċjali u fuq l-impjiegi sinifikanti u potenzjalment fit-tul madwar l-Ewropa.
2. FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI li fir-reċessjoni profonda u f'daqqa kkawżata mill-kriżi tal-COVID-19 li għadha għaddejja, huwa kruċjali li jitnaqqas it-tixrid tal-virus u li jitħarsu ċ-ċittadini tagħna, l-impjiegi, is-saħħa u l-benesseri tagħhom. FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI d-diversi miżuri implimentati mill-Istati Membri u l-Unjoni f'dan ir-rigward, kif ukoll ir-rwol tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fil-mitigazzjoni tal-effetti marbutin mal-impjiegi u dawk soċjali tal-kriżi tal-COVID-19.
3. FILWAQT LI JILQA' r-rispons ekonomiku tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrument għall-irkupru Next Generation EU, l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) u ż-żieda fil-flessibbiltà fl-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fi ħdan l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+).
4. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tas-suq tax-xogħol u l-miżuri ta' protezzjoni soċjali biex jittaffew l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-kriżi. FILWAQT LI JISĦAQ li huma meħtieġa sforzi sostnuti u kkoordinati biex l-ekonomija tingħata spinta mill-ġdid u jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, filwaqt li jiġi żgurat li l-protezzjoni soċjali u l-miżuri għas-suq tax-xogħol jappoġġaw l-isforzi ta' rkupru u jħarsu l-għajxien tan-nies.
5. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-kriżi għandha impatt negattiv sostanzjali fuq dawk l-aktar vulnerabbli. FILWAQT LI JENFASIZZA r-riskju sinifikanti ta' żieda fid-diverġenzi ekonomiċi u soċjali bejn u fi ħdan l-Istati Membri, inugwaljanzi aktar mifruxa u żieda fil-faqar u l-esklużjoni soċjali. FILWAQT LI JISĦAQ li f'dan l-isfond, il-koeżjoni soċjali u l-ekonomija tas-suq soċjali jibqgħu prinċipji ewlenin tal-Unjoni.

6. FILWAQT LI JFAKKAR fit-tagħlimiet meħuda mill-kriżi ekonomika tal-2008. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI f'dan id-dawl il-ħtieġa għal konsiderazzjoni bilanċjata tal-politiki tal-impjiegi, soċjali u ekonomiċi fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll għall-involvement attiv tas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom.
7. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li s-Semestru Ewropew jibqa' għodda effettiva ta' koordinazzjoni biex tiġi żgurata koerenza fl-aġendi ta' riforma tal-Istati Membri. JISSOTTOLINJA l-importanza li titħares is-sorveljanza multilaterali fis-Semestru Ewropew minkejja l-bidliet fiċ-ċiklu tal-2021. FILWAQT LI JQIS li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jkompli jservi bħala boxxla għal konverġenza 'l fuq lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fl-Ewropa, filwaqt li jmexxi l-koordinazzjoni tal-politiki soċjali u tal-impjiegi fil-livell tal-Unjoni. FILWAQT LI JFAKKAR li l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin tagħha nebbħu d-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali u għenu biex tizzied il-viżibbiltà tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali fis-Semestru Ewropew.
8. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiġu implimentati bil-konsiderazzjoni mistħoqqa għall-kompetenzi rispettivi u li l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu mill-finanzjament sinifikanti tal-UE disponibbli għar-riformi u l-investiment rilevanti, u b'hekk itaffu l-impatt soċjoekonomiku tal-kriżi, iħaffu l-irkupru u jsaħħu r-reżiljenza. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tipproponi Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali lejn il-bidu tal-2021.
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi jirrikjedu riformi u investimenti xierqa biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd, inkluż biex jiġu appoġġati livelli ta' ħiliet adegwati. FILWAQT LI JISĦAQ li l-implikazzjonijiet ta' dawn it-tranżizzjonijiet fuq l-impjiegi u dawk soċjali, kif ukoll l-implikazzjonijiet fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iridu jiġu kkunsidrati bil-ħsieb li jiżied il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u jittejjbu l-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità u r-reżiljenza ekonomika u soċjali. FILWAQT LI JENFASIZZA l-fenomeni tal-eżodu ta' mħuħ li joħloq riskju li jaggrava d-diverġenzi ekonomiċi u soċjali fost l-Istati Membri.
10. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-inizjattivi ewlenin ippreżentati fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021, b'mod partikolari fir-rigward tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, li jistgħu jnebbħu r-riformi u l-investimenti nazzjonali.
11. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-pubblikazzjoni bikrija tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli tal-2021, li tissottolinja l-importanza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tipprovdi gwida lill-Istati Membri, b'mod partikolari bil-ħsieb tat-tħejjija tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

12. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-adattament temporanju tas-Semestru Ewropew għall-2021 biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2021 tissostitwixxi r-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew b'dokumenti analitiċi li jivvalutaw is-sustanza tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għall-Istati Membri li jippreżentaw Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li ma tipproponix rakkomandazzjonijiet mhux fiskali speċifiċi għall-pajjiżi fl-2021.
13. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li fid-dawl tas-Semestru Ewropew adattat għall-2021 huwa saħansitra aktar importanti li jsiru diskussjonijiet orizzontali fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill involuti fis-Semestru Ewropew u l-korpi preparatorji tagħhom, sabiex jiġi żgurat l-involvement sħiħ tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom.
14. FILWAQT LI JENFASIZZA li n-natura temporanja tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għandha l-għan li tegħleb il-kriżi u tħejji għat-tranżizzjoni doppja, ma għandhiex twarrab il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi li fadal marbuta mar-riforma strutturali fit-tul fl-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-identifikazzjoni f'waqtha u s-sorveljanza relatata ta' tali sfidi fit-tul ma għandhomx jitqiegħdu f'riskju minħabba n-nuqqas ta' rapporti tal-pajjiżi u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi f'dan iċ-ċiklu eċċezzjonali tas-Semestru Ewropew 2021.
15. FILWAQT LI JISĦAQ li l-monitoraġġ tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu jkun akkumpanjat minn proċess komprensiv ta' sorveljanza multilaterali, fir-rigward tar-riformi fl-oqsma tal-impjiegi, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa, kif ukoll l-educazzjoni u t-taħriġ, f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

16. JINKORAĠĠIXXI B'MOD QAWWI lill-Istati Membri, minħabba d-dimensjonijiet sinifikanti tal-impjiegi u soċjali tal-kriżi attwali, biex jinkludu fil-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza tagħhom riformi u investment essenzjali fis-suq tax-xogħol, il-politika soċjali, il-kura tas-saħħa u l-oqsma tal-educazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jenfasizza li dawn ir-riformi u l-investimenti għandhom jappoġġaw l-irkupru, jippromwovu t-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll jindirizzaw l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u l-2020.

17. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tibni fuq il-proċessi u l-prattiki ta' governanza stabbiliti fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew, biex b'hekk tinvolvi lill-formazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom, kemm jista' jkun, sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġu promossi x-xogħol, impjiegi ta' kwalità u l-inklużjoni soċjali, fir-rigward tar-riformi u l-investimenti fi ħdan il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
18. JINKORAĠĠIXXI B'MOD QAWWI lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tirrevedi jew tiżviluppa miri ġodda tal-politika soċjali u tal-impjiegi biex tmexxi l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri.
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni tipproponi arranġamenti xierqa għar-ritorn ta' proċess sħiħ tas-Semestru Ewropew mill-aktar fis possibbli, inkluż il-governanza tiegħu.
20. JINKARIGA lill-Kumitat tal-Impjiegi biex jeżamina – skont l-Artikoli 148(3) u 148(4) TFUE u fid-dawl tal-linji gwida dwar l-impjiegi – l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-Istati Membri kif stabbiliti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, inkluż il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, biex jikkoopera mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fejn rilevanti, u biex jinforma lill-Kunsill dwar tali eżami.
21. JINKORAĠĠIXXI B'MOD QAWWI lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikompli l-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-isfidi tal-impjiegi u daww soċjali, inkluż permezz ta' rieżamijiet tematiċi, diskussjonijiet orizzontali, u tagħlim reċiproku, u f'kooperazzjoni, fejn rilevanti, mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Edukazzjoni u l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli.
22. JAPPELLA lill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikompli l-ħidma tagħhom fuq l-iżvilupp ta' indikaturi u oqfsa ta' valutazzjoni komparattiva, u fuq it-tkomplija tal-allinjament tal-għodod ta' monitoraġġ eżistenti.